**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar is-16 ta' Ottubru, 2019**

**Rikors nru: 249/2017 AGV**

**AB**
**vs**
**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-3 ta' Lulju, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet s-segwenti:-

1.Illi l-kontendenti ilhom separati de facto sa mix-xahar ta' Ottubru tas-sena 2016.

2. Illi din il-kawza, li l-provi fiha qed isiru quddiem l-Assistant Gudizzjarju l-avukatessa Marita Tabone, ghadha pendenti sallum u dan peress li l-attrici ghadha ghaddejja bil-provi taghha.

3. Illi ma fadal ebda raguni ghaliex il-komunjoni tal-akkwisti ghandha tibqa' veljanti bejn il-partijiet u ghalhekk l-esponenti qieghed iressaq it-talba odjerna a tenur tal-Artikolu 55 tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan sabiex ikun jista' jaghmel dawk l-atti kollha civili minghajr il-htiega tal-attrici u l-istess ghandu japplika ghall-attrici.

4. Illi din it-talba qiedgha ssir minghajr ebda pregudizzju ghall-pretensjonjiet li l-istess partijiet ghandhom kontra xulxin f'din il-kawza.

5. Illi, inoltre, l-attrici ma hija se tbati ebda pregudizzju sproporzjonat b'din it-talba. In effetti, din it-talba se toffri beneficcji lill-attrici milli lill-istess esponenti, ghar-ragunijiet fuq spjegati.

6. Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna u tiddikjara l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti a tenur tal-Artikolu 55 tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tordna n-notifika tal-ordni taghha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u dan prevja kull provvediment iehor opportun.

Rat ir-Risposta tal-attrici li eccepiet:-

1. Illi l-esponenti qed topponi ghat-talba tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju u dan peress li hija ser tbati pregudizzju sproporzjonat.

2. Illi principalment, il-pregudizzju li hija ghandha huwa li kemm il-darba t-talba tar-rikorrent tigi milqugha d-dar matrimonjali li hija ghandha access ghaliha izda li qed jabita fiha r-rikorrent u li hija proprjeta' parafernali tar-ragel tinbiegh minghajr il-kunsens taghha.

3. Illi inoltre, jekk it-talba tigi milqugha huwa jista' jiddejjen u jaghmel tajjeb fuq il-proprjeta' li hija l-unika ass tangibbli li r-ragel ghandu f'ismu.

4. Illi l-esponenti qed tressaq provi f'dawn il-proceduri ta' separazzjoni dwar l-assjem tal-komunjoni tal-akkwisti, u d-diffikulta' principali huwa li flus tal-komunjoni intuzaw ghall-uzu tan-negozju tat-taxi u mini bus li ma humiex registrati fuq isem ir-ragel imma fuq isem terzi persuni.

5. Illi apparti minn hekk hemm pendenti loan mal-bank fuq isem iz-zewg partijiet li ttiehdu ghad-dar matrimonjali proprjeta' tar-ragel, li mhux qed tithallas puntwalment mir-ragel minkejja li ghadu jghix regolarment fid-dar u rapprezentanti tal-bank icemplu lill-esponenti biex jithallas ir-rata mensili tad-dejn kif ukoll dejn fuq il-karozza Mercedes, kif xehdu rapprezentanti tal-kumpanija Montebello Group li huwa fuq isem il-partijiet fuq karozza Mercedes li nxtrat minn flus tal-komunjoni tal-akkwisti u hija registrata fuq terzi. Ir-rikorrenti ragel filwaqt li qed jippretendi li l-esponenti taqsam fid-dejn qed jinsisti li gia' la darba l-karozzi mhumiex registrati fuq ismu l-mara m'ghandha xejn, la mill-valur tal-karozzi u lanqas mill-qliegh tan-negozju tat-taxis u mini bus li huwa jhaddem.

6. Illi l-esponenti filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha esebiti u tirriserva li taghmel sottomissjonijiet ulterjuri u tixhed dwar ir-rikors jekk ikun il-kaz, qiedgha topponi ghat-talba ta’ CB.

7. Tant ghandha x’tissottometti l-esponenti f’dan l-istadju a savju u superjuri gudizzju ta’ dina l-Onorabbli Qorti.

IKKUNSIDRAT

Ir-rikorrent qed jipprocedi b’din it-talba fit-termini tal-Artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili, riprodott “*supra*” li jaghti d-dritt lil kull parti f’kawza ta’ separazzjoni personali, li fil-pendenza tal-istess kawza, titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b’sentenza u skond is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Is-subinciz (4) tal-istess artikolu jghid hekk:-

***“Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f’dan l-artikolu, il-Qrati ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.”***

Skond is-subinciz (6) tal-istess artikolu meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni fil-bidu tal-kawza tal-firda, dan ghandha taghmlu mill-jum li s-sentenza tal-firda tkun finali u konkluzziva.

Fil-kawza fl-ismijiet **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell (Citaz.Nru. 139/12) deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2015** li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:-

**"…..il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qedghin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici."**

**"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li *"f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat."*** Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju ***incumbit ei qui dicit non ei qui negat*** "[1]

IKKUNSIDRAT;

Dina l-Qorti ghandha tiddetermina li jekk tigi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti, il-konvenuta tkun ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat jew le.

Il-konvenuta tirrileva li jekk it-talba tal-attur kellha tigi milqugha l-pregudizzju li tkun ser tbati tikkonsisti fir-riskju li l-attur ibiegh id-dar

[11] Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi – Qorti tal-Appell deciza fit-28 ta'Marzu, 2015

matrimonjali peress li dina hija parafernali u addizjonalment ma jkun hemm xejn x'jimpedih milli jiddejjen u jiggarantixxi l-istess dejn bl-istess fond.

Il-Qorti tikkunsidra li effettivament jekk kemm il-darba kellha tilqa' din it-talba tal-attur, l-istess dar li tul iz-zwieg kienet tirrapprezenta d-dar matrimonjali mhux necessarjament hija ass tal-attur semplicement ghall-fatt li hija parafernali ghalih. Id-decizjoni tal-Qorti f'kaz ta' separazzjoni tmur oltre dina l-konsiderazzjoni, ghaliex l-ewwel dmir taghha hija li tassikura li minn ghandu responsabbilita' ghas-separazzjoni ghandu jerfaghha, u skond il-gravita' ghandhu jbati l-konsegwenzi u oltre minn hekk ghandha fuq kollox tissalvagwardja l-interessi tal-minuri. Konsegwentement, il-konvenuta ghandha r-rimedji taghha sabiex tevita li tigi ppregudikata f'dan is-sens.

Il-konvenuta ppuntwalizzat ukoll illi l-attur seta' jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat ghaliha ghaliex mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti kien waqqaf negozju tal-taxi u mini -bus li skond hi mhumiex registrati fuq ismu. Hemm kwistjonijiet ukoll rigward il-loan pendenti mal-Bank li mhux qed jithallas regolarment mill-attur skond il-konvenuta, kif ukoll kien naqas li jhallas regolarment il-dejn fuq il-karozza Mercedes lil Montebello Group u anke f' dan il-kaz il-vettura kienet tinstab registrata fuq terzi.

F'dan l-istadju dina l-Qorti m'ghandhiex tiddeciedi jekk dawn l-allegazzjonijiet tal-konvenuta gewx ippruvati jew le, izda ghandha tanalizza jekk jista' jaghti l-kaz li l-attur agixxa b'dan il-mod u li l-istess agir seta' jwassal ghall-pregudizzju mhux proporzjonat.

Minn ezami akkurat tal-provi jirrizulta li pagamenti tal-loan ma jidhrux li qed isiru regolarment. Jirrizulta l-istess mid-dokumenti li esebixxa r-

rapprezentant tal-Montebello group li l-pagamenti ma kinux qed isiru regolarment u li hemm certi vetturi fuq isem terzi. Jirrizulta ukoll li dan l-agir sehh l-aktar tul is-sena 2017 u cioe' fiz-zmien li bdew il-proceduri ta' separazzjoni.

Dan iwassal lil dina l-Qorti biex tkun imhasba, fis-sens li jekk l-attur seta' ma sabx ebda problema biex jippregudika dak li kien haqqha l-konvenuta waqt iz-zwieg, aktar ser ikun f'posizzjoni li jippregudikalha d-drittijiet taghha, jekk tigi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti, u allura indubbjament jista' jkun hemm pregudizzju mhux proporzjonat.

Kien fid-dmir tal-attur li jikkonvinci lil dina l-Qorti bil-provi li l-waqfien tal-komunjoni mhux ser johloq ebda "***pregudizzju mhux proporzjonat***" ghall-konvenuta, izda minflok aktar ikkonvinca lil dina l-Qorti li l-attur jista' ma jkunx persuna affidabbli li johloq "***pregudizzju mhux proporzjonat***."

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dar-rikors, billi tichad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjez ta' din is-sentenza in parte jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**